**Is-Swieqi**
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA 2019**

**SEDUTA NUMRU 3**

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Civiku, Kunsill Lokali S-Swieqi, Triq G. Bassiera nhar l-erbgħa 22 t' Awissu 2019

Prezenti:

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Maryanne Abela | - | Viċi-Sindku |
| Alex Chetcuti | - | Kunsillier |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Paul Fenech | - | Kunsillier |
| Anna Pisani | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti: Vince Tanti - Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsillier Matthew Bonello kien skuzat.

Intqalet it-talba

**I Korrezzjonijiet tal-Minuti**

Il-Viċi Sindku għamlet korrezzjoni għal punt msemmi fil-Minuti fejn resident kien talab, mhux hi, il-One Way fejn l-ex Halland Hotel. Fil-fatt kellha tkun il-parti tal-one way trid tkun Madliena Road bejn Triq Perkuisur sa' Triq il-Bir. Din ser tiġi rranġata fil-minuti preċident.

Intalbet kjarifika mill-Viċi Sindku fuq l-applikazzjoni tal-fondi EU taħt il-mizura 4.4, fejn fil-laqgħa preċidenti, ta '24 ta'Lulju 2019 kienet ġiet diskussa u ġiet approvata li terġa ssir l-applikazzjoni tar-rubble walls. Kien hemm qbil unanimu fud dan. Il-kjarifika saret għax il-kumment fuq dan is-suġġett ma kienx ċar, un ntalbet li jiġi iċċarat u minitjat.

Il-Kunsillier A. Chetcuti ried tiġi koretta l-isem ta' Triq il-Keffa minnflok Triq is-Swieqi fit-talba li għamel hu. Din ser tiġi koretta fil-minuti preċident.

**II Approvazzjoni tal Minuti**

Il-Minuti ġew approvati mill-Kunsillier Paul Fenech u ssekondati mill- Viċi Sindku.

**III Punti li joħorġu mill-Minuti**

Il-Kunsillier T. Valentino ressqet punt fuq culvert fi Triq l-Ibrag, fejn wara informazzjoni li ġabet minn żewgha l-Perit, fejn baqgħet tinsisti li r-responsabilta ta' l-ilma li qed jidħol fil-propjeta ta' terzi taqa' tal-Kunsill. Is-SE wieġeb li fi sena 2016 il-Perit tal-Kunsill mar jispezzjona l-propjeta' u kiteb lill-Kunsill li r-responsabilta hija tal-Gvern Ċentrali.

Il-Kunsillier T. Valentino tkellmet ukoll fuq l-ilma li jinżel fi Triq il-Pedidalwett, fejn wara li sar ix-xogħol ta' l-asfaltar l-ilma beda jaqleb 'il ġewwa lejn żewġt propjetajiet. Talbet biex il-Kunsill jagħmel xoghol ta' riparazzjoni. Is-SE wieġeb li r-rapport tal-Perit jgħid li x-xogħol sar sew u għandu jdejh marbutin.

Is-Sindku talab li nerġgħu niktbu lill-Perit, fejn jekk hemm bżonn nitfgħu bowser ħrta ħa naraw x'jista jsir. Wara ħafna diskussjoni fuq il-punt ġie deċiż li ssir laqgħa fuq il-post bejn il-Perit Falzon, Il-Perit tal-Kuntrattur u l-Perit Rossignaud, rappreżentant tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni.

Il-Kunsillier T. Valentino ressqet punt ieħor ta' ilma fi Triq il-Qasam u hawn ukoll insistiet fuq soluzzjoni. Is-SE qalilha li dak l-ilma huwa surface run-off, u skond il-Perit ma jista jsir xejn. Is-Sindku talab li tintbghat ittra reġistrata liċ-Ċerman tal-WSC, wara li diversi ilmenti magħhom ma wasslu għal xejn.

Il-Kunsillier T. Valentino ressqet ilment fuq ic-charger tal-GOTO, u s SE wieġeb li din ser issir.

Ressqet ukoll ilment fuq ir-rubbish madwar il-bins tal-Madliena, fejn qalet li jitnaddfu iżda hija ta l-opinjoni li meta jiġi l-kuntrattur jiġbor il-bins iwaqqa xi karti minnhom ma' l-art u ma jiġborhomx. Tistenna li din l-area titnaddaf.

Il-Kunsillier T. Valentino reġgħet lmentat fuq ix-xogħol li qed isir fil-Forti tal- Madliena mir-Restoration Unit tal-Gvern irid ikun kopert minn applikazzjoni ta' l-Awtorita ta' l-Ippjanar.

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Eżekuttiv

**III Punti li joħorġu mill-Minuti – ikomplu**

Il-Viċi Sindku talbet kjarifika dwar x'għandu jsir fi Triq li-Iskwerra. Din Cul-de-sac li m'għandiex asphalt u talbet li ssir asfaltata. Saqsiet x'ġara, u s-SE wieġeb li għalkemm kien hemm diskussjoni ma ttieħdietx deċiżjoni. Issa ttieħdet deċiżjoni li niktbu lill-TM biex jasfaltawha.

**IV Kommunikazzjoni mis- Sindku**

Is-Sindku ressaq ir-rapport tiegħu (Anness A), u tkellem fuq il-laqgħat li kellu. B'mod partikolari tkellem fit-tul fuq tilwima li hu għandu mal-Perit tal-Kunsill fejn iħossu la ma jistax jimxi 'il quddiem miegħu għax joġġezzjona fuq kull pjan li jkoliu.

Tkellem fuq laqgħa li kellu ma' l-ERA fuq l-appell ta' l-applikazzjoni ta' żvilupp f'Wied Għomor, li l-Kunsill u l-ERA oġġezzjonaw fuqu.

Tkellem fil qosor fuq laqgħa li hu u s-Segretarju kellhom mal-kumpanija MBC Byte Code, proġett ta' Intelligent parking.

Tkellem ukoll fuq laqgħa li kellu ma' Sur Mario Fava fl-AKL, wara li l-AKL ħargu dokument kontra il-progett DB. Is-Sur Fava talab laqgġa mas-Sindku ħalli jieħu l-punti u l-opinjoni tiegħu għalfejn qed joggezzjonaw. Qal ukoll li il-proġett ser isir, imma ser jiġu ndirizzati diversi punti li kien hemm ħafna oggezzjoniijiet fuqhom, fosthom traffic management u issues ambjentali.

Fost l-affarijiet li ġew offruti lil-Kunsill kien servizz ta' traffic expert tagħhom sabiex isir analażi ta' kif ser jeffettwa s-Swieqi dan il-proġett.

Qal ukoll li t-torri ser jonqos mill-għoli għal 10 metri u ser jibnu car park ta' 2000 karozza.

Kien hemm diskussjoni fuq l-offerti tal-grupp DB, u ġie deċiż li l-Kunsill għandu jisimgħu x'qed jipproponu.

Is-Sindku ssuġerixxa li l-aħjar nibdew naħsbu x'tip ta' għajnuna jew kumpens ser nitolbu ta' l-inkonvenjent li dan il-proġett ser iwassal lill-lokalita.

Is-Sindku tkellem fuq Triq il-Ġiebja, progett ta' Infrastructure Malta u kif tlestew il-bankini imma issa l-proġett waqaf. Li ġara hu li l-Enemalta talbu ssir trinka sabiex ibiddlu xi cables, imma kien hemm diżgwid bejn il-kuntrattur u l-Enemalta. Peress li kien hemm ix-shutdown il-kuntrattur ma riedx iħaffer it-triq u jħalliha miftuħa għal 10 t'ijiem mingħajr ma jsir xogħol fuqha. Is-Segretarju Eżekuttiv tkellem mal-Project Manager u qallu li ser jitkellem mal-kuntrattur sabiex jara meta ser jitkompla x-xogħol.

Inqala argument fuq il-cables tad-dawl mdendlin fit-toroq, u ġie deċiż li tinkiteb ittra lill-Enemalta u Infrastructure Malta sabiex fil-progetti li jmiss fi Triq it-Tiben u Triq il-Qatta, jekk hu possibli il-cables jitqedu taħt l-art.

Is-Sindku tkellem fuq il-problema ta l-iskart, li fis-sajf jilħaq il-peak tiegħu. Is-Sindku informa lil Kunsill li aħna qed niktbu regolarment lill Malta Tourism minħabba propjetajiet mikrin short-lets.

Noel Muscat — Vince Tanti

Sindku — Segretarju Eżekuttiv

**IV Kommunikazzjoni mis- Sindku**

Is-Sindku talab li l-aġenda tal-laqgħa li jkollna mal-Pulizija għandu jkun hemm issues ta' Garbage, storbju u u sigurta' tal-lokalita

Is-Sindku tkellem ukoll fuq il-proġett ta' l-afforestation ġewwa l-Madliena. Il-Viċi Sindku baqgħet tinsisti li l-pjanti m'humiex jiġu misqija u s SE qal li tkellem mal-ġardinar diversi drabi u aċċertah li qed jigu misqija.

Il-Viċi Sindku qalet li kienet ippjanata laqgħa ġo Ta'Qali, li Frank Salt ippjanaw. Is-SE qal li l-aħħar li kkomunika ma' Sur Godfrey Swain kien spjegalu x'ġara u is-Sur Swain wieġeb b'ringrazzjament ta' l-informazzjoni. Għas-SE din tfisser li ma hemmx issue, u jekk ġiet ippjanata laqgħa fuq dan il-proġett minn wara dahar il-Kunsill huwa disrispett lejh u lejn il- Kunsill, anke jekk saru arranġamenti seperati ma' individwi membri tal-Kunsill.

Is-Sindku tkellem fuq il-problemi li qed niltaqgħu magħhom sabiex nithallsu l-€50k mingħand Joseph Portelli Projects, flejjes dovuti fuq il-progett tal-Forum fi Triq l-Uqija. Qal li ser nirrikorru għand l-avukat għax m'aħniex ser naslu. Saret talba lil Viċi Sindku biex jekk tista tagħmel l-aħħar ċans sabiex tkellem lill persuna li taf hi sabiex isir xi forma ta' pressure, imma xorta l-ittra ta l-Avukat trid tintbgħat.

**Punti mressqa mill-Viċi-Sindku**

Hija tkellmet fuq numru ta' serqiet li ġraw fil-Madliena , u inqala panic mir-residenti. Qalet li hemm bżonn nibdew niehdu azzjoni.

Qalet li r-residenti qablu li la l-Pulizija m'għandomx riżorsi biex jgħinuna irridu nagħmlu xi ħaga aħna. Irridu nagħmlu l-laqgġa mal-Pulizija u ssuġerit li ssir fid-9 t'Ottobru fis-6.30pm. Hi qed tieħu ħsieb toħloq working group li ser imexxi n-neighbourhood watch, u li ser jippreperaw lista ta' l-affarijiet li ser ikollhom bżonn.

Talbet laqgħa mal-Ministru ta' l-Intern fuq issues tas-sigurta. Il-Kunsillier A. Chetcuti talab li qabel tintbgħat ittra għal statistika tas-serq fis-Swieqi u l-Madliena. Huwa qal li suppost kull tlett xhur tingħata din l-istatistika.

Wara diskussjoni fuq is-suggett ġie deċiż li jintalab courtesy meeting mal- Ministru ta' l-Intern.

Il-Viċi Sindku qalet ukoll li hemm xi propjeta li qed tiġi żviluppata u qed jużaw xi kimici li qed joħolqu diversi rwejjaħ. Qalet li rrapurtat lill-BRO.

Hija ssuġerit li nitolbu lill kumpanija GOTO sabiex jisponsorjaw karozza u driver biex iwasslu xi nies ġewwa s-Swieqi. Is-Sindku qal li GOTO m'għandomx drivers mal-karozzi, u ma jara xejn ħażin li jipprovaw.

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Eżekuttiv

**Punti mressqa mill-Vici-Sindku- tkompli**

Qalet li kellha laqgħa mal-Kunsillier Anna Pisani u ħaġa li telgħet hi li hemm spejjeż kbar biex jikru faċilitijiet sportivi.

Hija tkellmet fuq il-Laqgħa tar-Reġjun li marret mal-Kunsillier Rowena Scicluna għax kienet fuq il-website li ser tittella mir-Reġjun. Fl-istess laqgħa tkellmu fuq pjan biex ikun hemm workforce ta' ħaddiema manwali biex jagħtu servizz fil-kunsilli.

Saret ukoll talba biex min hu interessat imur Brussels ma' delegazzjoni tar-Reġjun li ser tkun magħmula mill-President u is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun u persuna oħra. Min hu interessat irid japplika mar-Reġjun.

19.40 T- Il-Viċi Sindku talbet sabiex tiġi skużata.

**Punti mressqa mill- Kunsillier Paul Fenech**

Huwa kellu laqgħa mal-voluntiera interessati jgħinu f'diversi aspetti fil-lokalita'.

Qal li kien hemm turnout tajjeb u inkorraġġanti tkellem fuq is-setturi li hu responsabbli tiegħu.

Informa li ser ikun hemm parteċipazzjoni fi Swieqifest mill-Crafts Section, tal-Bizzilla u f'attivita tat-tfal, u naturalment esebizzjoni ta' l-arti mill-grupp ta' artisti tas-Swieqi.

Il-Kunsiller P. Fenech tkellem fuq proġett ta' l-EU Europe for Citizens, li ser jieħu sehem in-Nutar Justin Fenech f'isem is-Swieqi Sports Association ghalieh. Is-Sindku staqsa jekk il-kunsill hux imdahhal f'dan il-programm, u s-sur Fenech wiegeb li sa certu punt iva, il-kunsill huwa mdahhal. Is-SE fakkar li dan ma giex diskuss il-kunsill imma ladarba il-kunsill mhux ser johrog centezmu ma jahsibx li ser ikun hemm problemi.

Il-Kunsillier P. Fenech tkellem ukoll fuq Proġett Europe for Citizens li ser jittella minn partner grupp l-Ungerija, u qassam kopja tal-proġett lill kull Kunsillier preżenti. Spjega li bl-involviment fil-proġett ECULTS, aħna wkoll parti minn 19 il-Kunsill minn madwar l-Ewropa li aħna partners. L-Ungerija rebħu €148K u ser jorginizzaw 4 konferenzi, u kull konferenza li ssir nistgħu nibgħatu 3 membri, u dan ifisser li darba jew oħra kull kunsillier preżenti jista jattendi wieħed minn dawn is-seminars.

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Eżekuttiv

**Punti Mressqa mill-Kunsilliera Anna Pisani**

Hija talbet li jinqatgħu pali tal-bajtar fl-għalqa li hemm fit-toroq Mizura/ Kartoċċ.

Tkellmet ukoll fuq il-planter mkissra wara l-maltempata ta' Frar fi Triq l-Ibrag, u li sar biss tiswija temporarja fuqha. Staqsiet meta ser tiġi ranġata permanenti. Is-SE wieġeb li għamel appuntament mal-kuntrattur għal din u għal xi xogħol ieħor fis-Swieqi.

Ressqet numru t' ilmenti kif ġej:

- li fi Triq il-Pedadilwett hemm diversi shrubs li jridu jinżabru.
- Fi Triq in-Nofs hemm karozza qadima Morris Traveller tidher abbandunata. Is-SE wieġeb li kien diġa rrapurtaha u twaħħlet sticker safra mil-pulizija fuqha. Issa ser jara x'ġara mir-rapport.
- Fi Triq l-Għoqod jidher li hemm barrani li qed jittanta u jagħti fastidju n-nisa, kellha tlett rapport fuq dan u pprezentat number plate tal-vettura tiegħu. Is-SE wieġeb li ser jagħmel rapport mal-Pulizija.

Apparti dan, hija attendiet għal meeting orginazzat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fuq id-drittijiet tat-tfal organizzata mill-Kummissjoni tat-tfal, fejn tkellmu fuq il-problemi li hemm fil-lokalitajiet ta'Open spaces għat-tfal. Il-Kunsilli ġew mitluba jagħmlu mill ahjar sabiex jinholqu open spaces ħalli t-tfal jkollhom fejn joħorgu jiddivertu.

**Punti mressqa mill-Kunsillier Rowena Scicluna**

Hija tkellmet fuq l-App li ġie diskuss fil-laqgħa tar-Regjun Tramuntana, app li ser ikun ta' benifiċċju għal kulħadd, kemm il-Kunsilli nfushom kif ukoll lir-residenti tal-lokalitajiet. Qalet li l-ispejjeż m'humiex kbar għax qed jinqasmu bejn il-kunsilli tar-regjun, u jkun important ghalina li nkunu parti min din l-inizjattiva. Il-Kunsill qabel unanimament.

Hija ressqet ilment ta' residenta li hemm van bla liċenzja fi Triq il-ġogi ibiegħ xi affarijiet minnu. Is-SE ser jirraporta dal-van lill-pulizija.

Resident ieħor lmenta magħha li hemm Wires imdendlin mal gallarija tiegħu, wires tal- Melita Cable. Inqalghet diskussjoni fuq dawn l-issues ghax dawn l-ilmenti m'ghandomx jigu mressqa lill kunsill imma jigu rraportati lill azjendi nfushom.

Hija talbet li ssir by-law, jew napplikaw biex il-liġi biex kuntratturi ma jaħslux il-bajli tal-konkrit fit-toroq .

Hija staqsiet natux rendikont fuq l-infiq u d-dħul tal-Kunsill. Is-Segretarju wieġeb li din l-informazzjoni tista ' ssiba online, tidħol fil-Minuti tal-Kunsill u jkun hemm l-iskeda tal-pagamenti kull xahar, kif ukoll perjodikament ssib l-audited accounts li ġew approvati mill-Kunsill.

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Eżekuttiv

**Punti mressqa mill-Kunsillier Theresa Valentino**

Hija tkellmet fuq Swieqifest, u qalet li tixtieq advertising banners ħdejn it-tunnels ta'Swieqi. Is- SE wieġeb qed jistenna l-artwork jiġi pprezentat u ġa tkellem mal-printers fuq dawn il-banners.

Tkellmet ukoll fuq il-lista ta' l-attivitajiet ta' l-active agers, li qed jaħdmu fuqha u daqt tkun lesta. Talbet li jekk hemm xi kunsillieri rridu jinkludi iktar attivitajiet fil-lista innfurmawha qabel ma mmorru għall-istampar.

Il-Kunsillier T. Valentino qalet li sabet koppja lesta tieħu f'idejha l-librerija tal-Kunsill. Talbet li jsiru żewgt xkaffef oħra. Il-Kunsill approvahom.

Qalet li ser jibda kors tal- musical Theater u klassi ohra tat- Thai chi class, ir-raba' klassi għal anzjani.

Hija tkellmet ukoll fuq il-knis tat-toroq, u s-Sindku intervjena u qal li veru qed ikun hemm ħafna lmenti imma qed nistennew li nagħtu tender ġdid.

**Punti mressqa mill-Kunsillier Alex Chetcuti**

Huwa staqsa x' reġa' ġara fuq id-double Yellow lines ta' Triq il-Mielaħ. Is-Segretarju wieġeb li llum irċieva email minn Transport Malta fejn għad darb'oħra reġgħu biddlu l-opinjoni fuqhom u ġew ineħħuhom huma. Żied jgħid dan wara li huma stess batu l-perit tagħhom u kkonferma li huma bżonnjużi sabiex resident ikun jista joħroġ vettura kbira mill-garaxx tiegħu bla ħafna tbatija. Huwa talab il-korrispondenza li għandi fuq il-kaz.

Huwa staqsa x'ġara mil-laqgħat ippjanati ma' diversi entatijiet fosthom il-LESA, il-Pulizija u l-Cleansing Departent u l-Awtorita ta l-Ippjanar.

Is -Segretarju wieġeb li mal -Pulizija hija ppjanata għad-9 t'Ottobru, iżda rridu nippjanaw laqgħa qabel maghhom.

Ma' l-awtorita ta l-Ippjanar is-SE staqsa fuq liema suġġett jixtieq jiltaqa' sabiex ikun jaf ma min irid jikkomunika. Is-Sur Chetcuti wieġeb li fuq regulations.

Hu talab li napplikaw għal aktar ħaddiema manwali għal Kunsill . Is-Segretarju qal li żmien ilu irċieva email fuq ħaddiema tal-Kunsill u fehma li ndirizzata għal min għandu dawn il-ħaddiema, u ma rrispondhiex. Meta xi xhur wara tkellem ma' l-AKL fuq il-possibilita li jkollna ħaddiema minn dawn ġie nfurmat li aġna m'applikajniex mlejniex l-applikazzjoni waqt laqgħa tar-Reġjun, meta din ġiet diskussa f-livell ta' Regjun. Issa ser jipprova jara x'jista jagħmel biex jerġa' japplika, iżda kif qalet il-Viċi Sindku fil-punti tagħha, ġie deċiż li l-pool ta' ħaddiema ser jiġu mpjegati mir-Regjun għal dan il-għan.

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Eżekuttiv

**Punti Mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda tal-pagament għal approvazzjoni tal-Kunsill – din l-iskeda tal- pagamenti ġiet approvata

Tkellem ukoll fuq l-attivita Swieqifest, u qal li s'issa li-spejjez laħqu it- €21, 000. Fakkar li il-Kunsill applika għal €8100 mill-fondi LESA għal din l-attivita, u hemm ukoll xi sponsors għal din l-attivita, imma jkun jaf id-dħul u n-nefqa totali wara li titlesta l-attivita.

Ressaq ukoll l-Applikazzjoni għal fondi għar- restoration tal-Forti Madliena.

Ressaq ukoll proposta li ħadmu fuqha s-Sindku u hu fuq Programme ta' car/bicycle sharing ġewwa Victoria Gardens bħala parti mill-kompetizzjoni għal European Mobility week.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għamel l-aħħar pagament lil-Perit Paul Camilleri.

Tkellem ukoll fuq l-applikazzjoni tad-Dog park fejn qal li peress li l-applikazzjoni oriġinali kienet saret tlett snin ilu, hemm bzonn issir applikazzjoni ġdida.

Is-Segretarju Ezekuttiv tkellem fuq il-bzonn li tinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv, u peress li Clarissa Buhagiar diġa qiegħda fil-pool ta' Segretarji Eżekuttivi ikun tajjeb li ssir hi, u għalhekk ipproponiha. Din il-proposta ġiet aċċettata unanimament.

Is-Segretarju tkellem fuq il-Cameras fi Swieqi Park, biswit il-Kunsill Lokali. Qal li flimkien mal-kuntrattur daruhom waħda, hiddlu xi ftit minnhom u ser jordnaw iktar. Tkellem fuq problem li għandu mal-kumpanija Go minħabba l-connectivity. Ġie deċiż li jekk ma nistawx naħdmu mal-Go insibu kumpanija oħra.

Fl-aħħarnett tkellem fuq it-traffic management ta' Triq is-Slielem, fejn talab lil-Kunsill japprova l-pjan mibgħut minn Transport Malta. Dan ġie aċċettat u approvat.

Din is-seduta ntemmet fit-20.15 u ġiet aġġornata għal Ħamis 3 t'Ottubru fil 17.00

Noel Muscat

Sindku

Vince Tanti

Segretarju Eżekuttiv